# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM it-Tnejn, 20 ta' Lulju, 2020**

**Kawża Nru. 17**

**Rik. Nru. 518/11JRM**

Saif Ur **REHMAN**

vs

**AVUKAT ĠENERALI** u llum imsejjaħ l-Avukat tal-Istat, u l-Ministru tal-Intern

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fit-30 ta' Mejju, 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur jitlob li din il-Qorti (i) tħassar u tannulla d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell dwar ir-Rifuġjati fil-każ numru 4012/10 li tittratta dwar id-deċiżjoni tal-Kummissarju għar-Rifuġjati dwar it-talba tiegħu għall-ażil; u (ii) terġa' tibgħat l-atti lura lill-imsemmi Bord sabiex jiddeċiedi dwar il-mertu tal-kwestjoni. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Ġunju, 2011[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrka w tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fit-23 ta' Ġunju, 2011, li biha l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, jgħidu li l-Ministru mħarrek mhux il-kontradittur leġittimu għall-finijiet tal-artikolu 181B tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili billi l-għoti ta' stat ta' ażil ma jaqax fost is-setgħat u d-dmirijiet tiegħu; li l-azzjoni attriċi ma tiswiex għall-finijiet tal-artikolu 7(9) tal-Att dwar ir-Rifuġjati[2] li jgħid li d-deċiżjoni tal-Bord hija finali u konklużiva w ma tistax tiġi kontestata jew appellata quddiem ebda qorti; u li l-azzjoni ma setgħetx titressaq għax irritwali għall-finijiet tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva[3] li jgħid li r-rimedju mogħti huwa reviżjoni ta' atti amministrattivi mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u mhux kawża quddiem din il-Qorti. Fil-mertu, jiċħdu t-talbiet attriċi u jgħidu li l-Bord ta' l-Appelli mexa skond il-liġi u d-deċiżjoni li wasal għaliha għandha tiġi konfermata;

Semghet ix-xhieda mressqa mill-partijiet u d-dokumenti mressqa quddiemha;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Ottubru, 2011[4], li bih ħalliet il-kawża sabiex il-partijiet iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub dwar it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari tal-imħarrkin;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrkin tal-21 ta' Ottubru, 2011[5], dwar l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet preliminari;

Rat in-Nota tal-Sottomissjonijiet tal-attur tat-22 ta' Novembru, 2011[6], bi tweġiba għal dik tal-imħarrkin;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għad-deċiżjoni dwar it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari;

***Ikkonsidrat:***

---

[1] Paġġ. 47 u 48 tal-proċess
[2] Att XX tal-2000 (Kap 420)
[3] Att V tal-2007 (Kap 490)
[4] Paġ. 211 tal-proċess
[5] Paġġ. 59 sa 63 tal-proċess
[6] Paġġ. 65 sa 71 tal-proċess

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-attur jilmenta mill-mod kif il-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Refuġjati (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-Bord") wasal għad-deċiżjoni fit-28 ta' Marzu, 2011 (minn issa 'l hemm imsejħa "id-deċiżjoni") li biha kkonferma r-rakkomandazzjoni tal-Kummissarju għar-Refuġjati tal-21 ta' Mejju, 2010, li jiċħad it-talba mressqa mill-attur għall-għoti ta' stat ta' ażil. Jixli lill-Bord li naqas li jħares il-prinċipji tal-mġiba amministrattiva tajba u l-obbligi proċedurali skond ir-Regolamenti li jorbtuh fl-eżami ta' applikazzjonijiet għall-istat ta' rifuġjat, billi ċaħħdu mill-għajnuna ta' interpretu, billi naqas li jqis fatti u dokumenti rilevanti li huwa ġab quddiem dak il-Bord biex jgħinuh fl-istħarriġ xieraq tal-ilment tiegħu, u billi naqas li jagħti raġunijiet wara ċ-ċaħda għat-talba tiegħu għall-ażil. Jitlob li l-Qorti tħassar id-deċiżjoni tal-Bord u li terġa' tibgħat l-atti tat-talba tiegħu quddiem il-Bord sabiex jiddeċiedi dwar il-mertu;

Illi l-imħarrkin laqgħu b'att ta' eċċezzjonijiet, kemm preliminari kif ukoll fil-mertu;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar żewġ eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-imħarrkin, jiġifieri dik li biha jgħidu li l-azzjoni hija irrita u nulla billi d-deċiżjoni hija finali u konklużiva w ma tistax tiġi kontestata jew appellata quddiem ebda qorti (it-tieni eċċezzjoni preliminari); kif ukoll dik li tgħid li l-azzjoni attriċi hija improponibbli w irrita billi l-liġi (Kap 490) tagħti r-rimedju ta' reviżjoni ta' atti amministrattivi quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u mhux b'kawża quddiem din il-Qorti (it-tielet eċċezzjoni);

Illi bħala **fatti relevanti** jirriżulta li l-attur, ta' nazzjonalità Pakistana, wasal Malta fis-sena 2008. Hu xehed li f'pajjiżu kien mexxej ta' partit politiku. Aktar kmieni fl-2008, il-partit tiegħu tilef l-elezzjoni fil-pajjiż, u minħabba f'hekk qal li kellu jħalli art twelidu għaliex beża' għal ħajtu minħabba li kien qed jiġi persegwitat. Huwa wasal f'Malta fis-16 ta' April, 2008, u ressaq talba quddiem il-Kummissarju għar-Refuġjati (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Kummissarju") sabiex jingħata l-ażil. Huwa ngħata smigħ quddiem il-Kummissarju fl-10 ta' Ġunju, 2010, u l-intervista saret fl-ilsien ingliż[7]. Jirriżulta li, waqt dak is-smigħ, l-attur talab l-għajnuna ta' interpretu fl-ilsien urdu, liema talba ma ntlaqgħetx billi, fil-fehma tal-Kummissarju, ma kienx hemm il-ħtieġa[8];

Illi fil-31 ta' Mejju, 2010[9], il-Kummissarju għar-Refuġjati bagħat jgħarraf lill-attur li kien ressaq rrakkomandazzjoni lill-Prim Ministru sabiex it-

[7] Ara Dok. "SUR2" f'paġġ. 10 sa 33 tal-proċess
[8] Ibid paġ. 11 tal-proċess
[9] Dok. "SUR1" f'paġġ 7 sa 9 tal-proċess

talba tiegħu għall-ażil tiġi miċħuda. Għarrfu wkoll bid-dritt li jista' jressaq appell minn din ir-rakkomandazzjoni quddiem il-Bord;

Illi fit-30 ta' Ġunju, 2010, l-attur ressaq appell[10] quddiem il-Bord flimkien ma' dokumenti u xhieda[11] b'sostenn għat-talbiet tiegħu;

Illi fit-28 ta' Marzu, 2011[12], il-Bord ta d-deċiżjoni u bgħat jgħarraf lill-attur li l-appell tiegħu ma ntlaqax billi ikkonferma għal kollox id-deċiżjoni li kien ħa l-Kummissarju;

Illi fit-30 ta' Mejju, 2011, infetħet din il-kawża;

Illi l-**konsiderazzjonijiet ta' natura legali** li din il-Qorti trid tqis huma ta' xejra proċedurali, u kemm-il darba jintlaqgħu l-eċċezzjonijiet imressqa, iwasslu fit-tmien l-azzjoni mressqa quddiemha;

Illi **bit-tieni eċċezzjoni preliminari**, l-imħarrkin jgħidu li l-azzjoni attriċi hija irritwali minħabba dak li jipprovdi l-artikolu 7(9) ta' l-Att dwar ir-Rifuġjati. Fi kliemhom, l-artikolu 7(9) jagħmilha ċara li d-deċiżjoni tal-Bord hija "waħda finali u konklużiva" u ma tistax tiġi kontestata jew appellata quddiem ebda qorti. Jgħidu li l-unika eċċezzjoni għal din ir-regola huma xiljiet ta' ksur ta' drittijiet fundamentali li ma humiex il-każ f'din il-kwestjoni, għaldaqstant il-Qorti m'għandiex is-setgħa li tistħarreġ din l-azzjoni[13];

Illi min-naħa l-oħra, l-attur jgħid li l-Qorti għandha jedd li tistħarreġ l-imġiba tal-Bord, u ma hemm xejn li jżommha milli tissindika jekk tali deċiżjoni tissodisfax il-prinċipji ta' ġustizzja naturali[14];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, jirriżulta li filwaqt li r-rakkomandazzjoni tal-Kummissarju setgħet tiġi appellata quddiem il-Bord[15], id-deċiżjoni tal-Bord, għajr għal kwestjonijiet ta' natura kostituzzjonali marbuta ma' allegat ksur ta' drittijiet funadamentali[16], fit-termini tal-Att, hija meqjusa bħala waħda konklużiva[17];

Illi l-Qorti tqis li meta jitqajmu kwestjonijiet tal-kompetenza tagħha li tisma' kawża, trid toqgħod b'seba' għajnejn biex la twarrab malajr is-setgħat mogħtijin lilha mil-liġi u lanqas twettaq setgħat li l-liġi ma tagħtihiex;

[10] Dok. "SUR3" f'paġġ. 34 sa 44 tal-proċess
[11] Dok. "SUR4" f'paġ. 45 tal-proċess
[12] Dok. "SUR5" f'paġ. 46 tal-proċess
[13] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrkin f'paġ. 59 sa 61 tal-proċess
[14] Nota ta' Sottomissjonijiet tal-attur f'paġġ. 66 sa 70 tal-proċess
[15] Art. 7(1) u (2) tal-Att XX tal-2000
[16] Art. 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Art. 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap 319)
[17] Art. 7(9) tal-Att XX tal-2000

Illi, għandu jingħad li dawn il-Qrati għandhom ġurisdizzjoni ġenerali biex jistħarrġu l-imġiba ta' kull tribunal kważi-ġudizzjarju jew maħluq statutorjament[18]. Dan jingħad għaliex, fi stat ta' dritt, ħadd mhu meħlus mir-rabta li jimxi kif tridu il-liġi, u jekk issir xilja li dik il-persuna ma mxietx skond il-liġi, huma l-Qrati li għandhom is-setgħa li jqisu lilment u li jagħtu r-rimedju, jekk ikun il-każ[19];

Illi, minbarra kwestjonijiet li jmissu allegazzjonijiet ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali mħarsin bil-Kostituzzjoni[20], il-ġurisdizzjoni li l-Qrati għandhom hija limitata għas-setgħa li jissindakaw il-ħidma u l-għemil tal-Bord biex jiżguraw li dan ma jkunx mar lil hinn mis-setgħat mogħtijin lilu bil-liġi li bis-saħħa tagħha ġie mwaqqaf u li taħtha jinsab regolat; biex jaraw li, tkun xi tkun il-proċedura li jkun segwa, jkun ħares li jsir ħaqq skond il-meriti sostantivi tal-każ miġjub quddiemu u dan b'ħarsien tar-regoli tal-ġustizzja naturali[21];

Illi jrid jingħad ukoll li biex il-ġurisdizzjoni esklussiva tal-Bord tiġi disturbata, irid tabilfors jirriżulta lill-Qorti li qiegħda tistħarreġ l-imġiba tal-istess Bord li, fil-fatt, ikun seħħ xi ksur ta' mqar wieħed mit-tliet oqsma ta' stħarriġ hawn fuq imsemmija[22]. Barra minn hekk, tali stħarriġ ma jistax iservi bħala eżerċizzju ta' appell biex jiftaħ mill-ġdid il-mertu tal-kontroversja maqtugħa mill-Bord[23], iżda jwettaq "funzjoni ta' kassazzjoni" dwar l-operat ta' dak l-istess Bord[24];

Illi minn dan kollu joħroġ li s-siwi tar-raġunament magħmul mill-Bord biex jasal għad-deċiżjoni tiegħu ma jistax jiġi meqjus mill-Qrati fl-eżerċizzju tagħha ta' stħarriġ dwar l-imġiba tal-istess Bord, sakemm dak ir-raġunament ma jsejjisx ilment ta' ksur ta' xi waħda mit-tliet oqsma li ssemmew qabel;

Illi l-kwestjoni li l-Qorti għandha quddiemha ġiet meqjusa mill-Qrati tagħna f'każijiet li jixbhu lil dan tallum[25], u nstab li din il-Qorti għandha s-setgħa li tistħarreġ kif imiss deċiżjonijiet mogħtija mill-Bord fil-qies jew parametri ta' dak li għadu kemm ingħad u minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7(9) tal-Att, meta ngħad hekk: "*Din il-Qorti, filwaqt li tagħmel referenza għall-każistika kopjuża indikata fis-sentenza appellata, tosserva li l-attur għandu raġun fis-sottomissjoni tiegħu dwar l-effetti legali tal-Artikolu*

[18] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **13.6.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Salvino Borġ D'Anastasi vs Ian Decesare et noe et***
[19] Ara P.A. GCD **20.3.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Fenech noe vs Victor Fiorentino***
[20] Ara, per eżempju, P.A. **26.5.1987** fil-kawża fl-ismijiet ***Montalto vs Clews et*** (Kollez. Vol: **LXXI.iii.688**)
[21] P.A. RCP **14.3.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Magri vs HSBC p.l.c.*** (mhux appellata)
[22] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **20.5.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***John Holland noe et vs Julian Schembri*** (mhix pubblikata)
[23] App. Ċiv. **17.5.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Falzon noe vs Grima*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.292**)
[24] App. Kumm. **25.3.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Anġlu Fenech noe vs Albert Mizzi noe et*** (mhix pubblikata)
[25] App. Ċiv. **5.4.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Saed Salem Saed vs Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati et***

*7[9] fuq ċitat, għax, għalkemm dan jistipula li d-deċizjoni tal-Bord għandha titqies bħala finali u konklużiva, dan hu hekk inkwantu jirrigwarda d-deċiżjoni fil-mertu li jkun ta. Il-ligi trid li materja dwar ir-refuġjati li tiġi eżaminata u deċiza mill-Bord tkun finali fis-sens li ma tistax terga' tiġi eżaminata dwar il-mertu, iżda ma jfissirx li l-Bord mhux soġġett għall-iskrutinju tal-qrati ordinarji fil-mod ta' kif tmexxew il-proceduri quddiemu*"[26];

Illi ingħad wkoll b'awtorità li "*The existence of a statutory right of appeal does not deprive the High Court of its ordinary powers of quashing a tribunal's decision which is ultra vires or erroneous in law. ... Appeal and review are in principle two distinct procedures, appeal being concerned with merits and review being concerned with legality. But in practice an appellant will often wish to raise questions which strictly are questions of legality, such as violation of natural justice or some objection to the tribunal's jurisdiction. It is important that this should be freely allowed, since many cases could not be fully disposed of on appeal*"[27];

Illi dan iwassal lill-Qorti biex issib li t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin mhix mistħoqqa u għaldaqstant għandha tiġi miċħuda;

Illi l-Qorti se tgħaddi biex tistħarreġ **it-tielet eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrkin, dwar jekk din il-kawża setgħetx titressaq billi l-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti rimedju fis-sura ta' proċediment għar-reviżjoni ta' atti amministrattivi mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u mhux f'kawża quddiem din il-Qorti;

Illi fis-sottomissjonijiet miktubin tagħhom, l-imħarrkin iqajmu l-argument li d-dispożizzjonijiet tat-Taqsima II tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva (Kap. 490) fir-rigward tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati għadha ma ġietx stabbilita mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja, għaldaqstant l-attur ma jistax jinvoka dan l-Att jew isejjes l-azzjoni tiegħu fuq is-saħħa ta' dan l-Att. Dan, fi kliemhom, iwassal sabiex l-azzjoni titqies bħala waħda mhux proponibbli billi hija msejsa fuq dispożizzjonijiet ta' Att li kienu għadhom ma daħlux fis-seħħ fir-rigward tal-Bord[28];

Illi l-Qorti fliet ir-Rikors Maħluf u ssib li fil-qofol tiegħu, jittratta dwar ilment ta' ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali min-naħa tal-Bord waqt li kien qed jisma' u jiddetermina l-appell quddiemu mressaq mill-attur. Dan l-ilment isib il-bażi tiegħu, mhux biss taħt l-Att dwar il-Ġustizzja

[26] App Ċiv. **30.9.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Teshome Tensae Gebremariam sive Teshome Berhane Asbu vs Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati et***
[27] Wade & Frsyth, Administrative Law (9th. Edition), pp. 949-950
[28] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrkin f'paġ. 62 tal-proċess

Amministrattiva (il-Kap. 490), iżda fis-setgħat li tħaddan din il-Qorti biex tistħarreġ lill-stess Bord fl-imġiba tiegħu taħt il-liġi li taħtha twaqqaf;

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, għalkemm fil-premessi tar-Rikors Maħluf l-attur semma dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta biex juri kif messu mexa miegħu l-Bord, dan ma jfissirx li l-attur kien qiegħed isejjes il-kawża tiegħu fuq dak l-Att. Wara kollox, kienu l-imħarrkin li, bħala eċċezzjoni, qanqlu l-kwestjoni tar-ritwalità tal-azzjoni attriċi u semmew ir-rimedju mogħti taħt l-imsemmi Att. Jekk issa qegħdin jgħidu li d-dispożizzjonijiet rilevanti ma kinux inġabu fis-seħħ, aktar joħroġ ċar li l-attur għamel sew li ressaq il-każ tiegħu quddiem din il-Qorti u ma rrikorriex għal rimedju li, fiż-żmien rilevanti, l-imħarrkin infushom qegħdin jgħidu li ma kienx jeżisti;

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti tasal għall-fehma li t-tielet eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin wkoll mhix tajba w mhux sejra tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet** preliminari tal-imħarrkin, billi mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bit-trattazzjoni dwar il-mertu tal-azzjoni attriċi u l-eċċezzjonijiet fil-mertu dwarha. Għal dan il-għan, tordna li l-atti ta' din il-kawża jintbagħtu lir-Reġistratur ta' din il-Qorti biex jassenja l-kawża quddiem din il-Qorti diversament presjeduta u li quddiemha jkompli jinstema' l-każ; u

**Tordna** li l-imħarrkin iħalsu l-**ispejjeż marbuta ma' din is-sentenza**.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**20 ta' Lulju, 2020**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**20 ta' Lulju, 2020**